Qorti tal-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 286/2015

**Bottega del Marmista Ltd**

**Vs**

**Paul u Carmen konjugi Mifsud**

26 ta' Jannar, 2018.

1. Permezz ta' rikors prezentat fit-28 ta' Settembru 2015 il-kumpannija attrici talbet lil Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' ghaxart elef disa' mija tnejn u sittin Euro u hamsa u sebghin Eurocentezmu (€10,962.75) rapprezentanti bilanc tal-prezz ta' fornitura u tqeghid ta' irham fil-fond ta' l-intimati "Alkira", Triq Pietru Caxaro, Naxxar, ammontanti ghall-sbatax-il elf disa' mija sitta u erbghin Euro (€17,946) (Dok.A), wara li tigi mnaqqsa s-somma ta' sitt elef disa' mija tlieta u tmenin Euro u hamsa u ghoxrin Eurocentezmi (€6,983.25) dovuti lill-intimata Carmen Mifsud mill-kumpannija attrici ghal reklamar. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali (numru 590/2014) tat-8 ta' April, 2014, u tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju tal-lum, u bl-imghax mid-data ta' l-ittra ufficjali sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimati.

2. Bi twegiba prezentata fl-20 ta' Ottubru, 2015 il-konvenuti wiegbu:

   *"1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu ukoll rigettati bl-ispejjes stante li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini tal-artiklu 2149[a] tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta";*

3. B'sentenza tal-21 ta' Gunju, 2017, il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni skont l-Artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili u konsegwentament ddikjarat l-azzjoni bhala wahda preskritta.

4. Fl-10 ta' Lulju, 2017 appellat l-attrici bl-aggravji jkunu:

   i. L-ewwel qorti naqset milli tapplika dak li jipprovdi l-artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili.
   ii. Ghal dak li jirrigwarda l-artikolu 2160 tal-Kodici Civili, is-sentenzi li rreferiet ghalihom l-ewwel qorti ma japplikawx wara l-emendi li saru f'Jannar 2017. Inoltre, f'dan il-kaz l-attrici ma tatx il-gurament lill-

konvenuti izda kienu huma li minn jeddhom xehdu li m'ghandhom jaghtu xejn lill-attrici.

5. Fis-27 ta' Novembru, 2017 il-konvenuti pprezentaw twegiba fejn qalu li s-sentenza hi gusta u l-appell ghandu jigi michud. Ziedu li l-attrici kellha sentejn sabiex tipproponi l-kawza, li skadew fit-2 ta' Gunju, 2014. L-ittra ufficcjali tat-8 ta' April, 2014 giet notifikata fil-11 ta' Gunju 2014 u ghalhekk wara s-sentejn li fihom kellhom jigu notifikati l-appellati. Ghaldaqstant, l-azzjoni hi preskritta.

6. Il-qorti qrat l-atti.

7. L-attrici harrket lill-konvenuti fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) ghas-somma ta' €10,962.75 prezz ta' rham u tqeghid li sar fil-fond Alkira, Triq Pietru Caxaro, Naxxar, bilanc mis-somma ta' €17,946.

8. B'sentenza tal-21 ta' Gunju, 2017 l-ewwel qorti laqat l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti li l-azzjoni kienet preskritta skont l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili. Il-parti dispozittiva tas-sentenza taqra:

   *"In vista tal-provi prodotti u dak li ntqal aktar 'il fuq, din il-Qorti qieghda tilqa' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti ai termini tal-Artikolu 2149(a) tal-Kap. 16 u konsegwentement tiddikjara l-azzjoni bhala wahda preskritta u konsegwentement tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba attrici.*

   *Bl-ispejjez tal-procedura odjerna a karigu ta' l-istess socjeta attrici".*

9. Fis-sentenza tal-ewwel qorti jinghad:

   *"1. Illi Joseph Azzopardi xehed u spjega illi huwa ghannom tas-socjeta' attrici kien ghamel xi xoghol fiddar proprjeta' tal-konvenuti konsistenti fil-fornitura u tqeghid ta' irham ghall prezz ta' sbatax-il elf disgha mija u sitta w erbghin Ewro (€17,946) (skond Dok. A esebit fl-atti a fol. 2).*
   *2. Illi pero' s-socjeta attrici qed titlob lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenuti jhallsuh is-somma ta' ghaxart elef, disgha mija u tnejn u sittin Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€10,962.75) bilanc minn somma akbar.*
   *3. Illi l-konvenuti qed isostnu bil-gurament taghhom li m'ghandhom jaghtu xejn lill-attur u li l-azzjoni odjerna hija preskritta ai termini tal-artikolu 2148(a) u/jew l-artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili.*
   *4. Inoltre jirrizulta ukoll li l-konvenuti inghataw il-guramento decisorio fejn stqarrew bil-gurament taghhom li sa fejn jafu huma m'ghandhom jaghtu xejn lis-socjeta' attrici u li mhumiex debituri taghha.*

*5. Illi Joseph Azzopardi stqarr li kien ipprezenta ittra ufficcjali kontra l-konvenuti nhar it-8 ta' April 2014 (fol. 20) u din giet notifikata lill-konvenuti nhar il11 ta' Gunju 2014 (fol 21).*
*6. Jirrizulta ukoll mix-xhieda tieghu stess li x-xoghol spiccah fit-2 ta' Gunju 2012, dak l-istess jum meta l-konvenuti ghamlu 'house warming party'.*

10. Jidher li l-ewwel qorti laqat l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni (artikolu 2149(a) tal-Kodici Civili) minhabba li:

i. Ix-xoghol tlesta fit-2 ta' Gunju, 2012 u kien biss fil-11 ta' Gunju, 2014 li l-konvenuti kienu notifikati bl-ittra ufficjali prezentata fit-8 ta' April, 2014. Ghalhekk, *"bhala fatt jirrizulta li bejn meta Joseph Azzopardi spicca mill-inkarigu moghti lilu u huwa nterpella lill-konvenuti ghall-hlas kienu gja ghaddew is-sentejn preskritti mil-ligi sabiex tigi esperita l-azzjoni odjerna"*. Fit-twegiba l-konvenuti qalu, *"Illi l-azzjoni attrici setghet tigi ezercitata mill-ghada tat-tlestija tax-xoghol fil-proprjeta tal-esponenti u cioe' mit-3 ta' Gunju 2012"*.
ii. Il-konvenuti kienu hadu l-gurament decizorju kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili.

11. Ittra ufficjali hu att gudizzjarju li bih tinkiser il-preskrizzjoni. Skont l-artikolu 2130(1) tal-Kodici Civili:

*"Il-preskrizzjoni ma tinkisirx jekk in-notifika tal-att ma ssirx qabel ma jaghlaq xahar li ghandu jibda jghodd mill-ahhar jum ta-zmien li hemm ghall-preskrizzjoni"*.

F'dan il-kaz, a bazi tal-fatti stabbiliti mill-ewwel qorti, is-sentejn kienu jaghlqu fit-2 ta' Gunju 2014. L-ittra ufficjali kienet notifikata fil-11 ta' Gunju, 2014 cjoe' qabel ghalaq ix-xahar kontemplat fl-imsemmija disposizzjoni. Ghaldaqstant, sehhet l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni. Ghaldaqstant, l-attrici ghandha ragun li l-azzjoni m'hijiex preskritta minhabba li *"l-appellati gew notifikati fiz-zmien stabbilit f'Artikolu 2130(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' l-att gudizzjarju gie notifikat skont il-ligi"*.

12. Fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2016 l-attrici ddikjarat li ma kellhiex iktar provi.

Imbaghad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'ghandhomx jaghtu lis-socjeta attrici (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx kaz fejn il-konvenuti nghataw il-gurament decizorju izda fejn huma **xehedu minn jeddhom**. Ghalhekk ma jistghux jigu applikati l-principji tal-gurament decizorju. Il-qorti zzid li bl-Att 1 tal-2017, li dahal fis-sehh fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Qabel dakinhar

id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta lill-attur li jaghti l-gurament decizorju lill-konvenut:

*"Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeccepuhom, **meta jinghata lilhom il-gurament**, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-haga gietx imhallsa".*

Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-legislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jiehu l-gurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jiehu beneficcju mill- preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li zviluppaw mill-gurisprudenza dwar il-gurament decizorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'pagni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari cjoe' meta l-attur jaghti l-gurament lill-konvenut. Fil-kaz in ezami l-konvenuti xehedu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-ligi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Ghaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut **minn jeddu meta jiehu l-gurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodici Civili**, l-attur ghandu kull dritt li jaghti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja ghall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodici Civili meta l-konvenut kien jaghzel li jixhed minn jeddu.

**Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell u filwaqt li thassar is-sentenza tal-ewwel qorti tal-21 ta' Gunju 2017, tichad l-eccezzjoni ulterjuri tal-konvenuti. Spejjez taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuti.**

**Tordna li l-atti jintbaghtu lura quddiem l-ewwel qorti sabiex jissokta bis-smiegh tal-kawza.**

Anthony Ellul.